MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Numru. 961/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Sharon Cachia ta' 36 sena, imwielda St. Julians nhar it-8 ta' Marzu 1974 bint Anthony Pace u Therese nee` Cassar, residenti 41, Pinto Bldgs Blk C Fltat 2 Triq Ganni Bencini, Gzira u detentrici tal-karta ta' l-identita 134174(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata Sharon Cachia u cioe` talli fid-29 ta' April 2010, gewwa z-Zurrieq bejn id-9.30am u 9.50am ikkommettiet serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Natasha Camilleri, liema serq jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin

centezmu (239.94 u dan ai termini tal-artikoli 261, 279 u 267 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq biex tirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fl-ammissjoni maghmulha mill-imputata il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuza migjuba fil-konfornt taghha.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi hija ikkoperat mal-pulizija  u giet ritornata r-resfurtiva.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 279 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kundizzjon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------